ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 42/07 – It-Tlieta 24 ta' Novembru 2015**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 19:20pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *skużata* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Tiżjijn tal-Milied
4. Affarijiet Finanzjarji
    - *Skeda ta' Pagamenti Nru. 32/07*
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

**Mal-bidu tal-laqgħa daħlet fil-kamra tal-laqgħa waħda mill-impjegati tal-Kunsill is-Sra Isabella Formosa. Hekk kif daħlet fil-kamra u kienet ser tpoġġi, is-Sindku Pawlu Farrugia staqsiha x'kellha bżonn u hi weġbitu li kienet hemm sabiex skond hi tattendi għal-laqgħa għaliex il-laqgħa kienet miftugħa għall-pubbliku. Is-Sindku weġibha li din il-laqgħa kienet miftuħa għall-persuni li isimhom jidher fuq ir-reġistru ta' Ħal Tarxien u ladarba dan ma kienx jirriżulta fil-każ tagħha hija ma setgħetx tattendi. Is-Sra Formosa rrimarkat li fil-għodu xi ħadd kien indikalha mod ieħor jiġifieri li setgħat tattendi imma ma setgħatx titkellem dwar il-laqgħa. Is-Sindku weġibha għal darb'oħra li l-liġi tgħid li l-persuni li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali biss setgħu jattendu għal-laqgħa. Is-Sra Isabella Formosa reġgħet għat-tielet darba rrimarkat li dik kienet laqgħa miftuħa għall-pubbliku u li hi kellha d-dritt tattendi. Is-Sindku reġa tenna li l-Liġi kienet ċara. Is-Sra Isabella Formosa ħarġet mill-kamra u telqet 'il barra.**

**Minn hawn il-Laqgħa tkompliet b'mod regolari.**

1. **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 41/07 ta' nhar **l-Erbgħa 28 t'Ottubru 2015 fis-18:00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)</u>**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP kien għadu kollox status quo. Sadanittant wara li l-Perit Chris Mintoff, il-Perit tal-Kunsill kien bgħat dak ir-rapport dwar Triq l-Annunzjata li kien ġie moqri fil-laqgħa ta' Ottubru, il-Kunsill issuġġeixxa li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu ċċarati xi pendenzi. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħlijiet fil-Berġakienu tlestew kollha. Kif ukoll li l-ħlasijiet lid-diversi persuni li ħadmu fil-Berġa kienu ġew effettwati u dan għajr għajr il-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol fil-kamra tat-tabib għaliex kien għadu ma ppreżentax l-fattura, kif ukoll kien inżamm ukoll il-pagament tal-Kuntrattur ROBERT MELI peress li ried jivverifika miegħu xi affarijiet. Berġa

Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li dan il-Kuntrattur kien ċempel il-Kunsill fejn qal li f'każ li l-kunsill jibqa ma jħallsux sal-Ġimgħa 26 ta' Nov 2015 huwa kien ser jieħu passi f'dan ir-rigward. Is-Sindku ssġuġġerixxa u l-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa fuq il-post ma' dan il-Kuntrattur sabiex jiġu ċċarati l-affarijet.

iii. Fir-rigward ta' Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi vandali kienu reġgħu kissru xi ħġieġ tal-gazebo. Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ħadu ħsieb jirranġaw din il-ħsara sabiex b'hekk is-Sur Denis Calleja setgħa jkompli jpinġi hemmhekk. Att vandaliku Fi Ġnien Veliko Turnovo.

iii.i Is-Sindku żied jgħid li l-Pannelli li saru fuq il-latrina pubblika fl-aħħar, wara li kellu jagħmel kuntatt ma xi ħadd biex immexxu bl-applikazzjoni u l-aplikazzjoni reġgħet ġiet mibdula u imtliet kif mitlub peress li kellhom jinbidlu xi dettalji fuqha, issa ġew imqabbda mal-*grid*. Pannelli imqabbda mal-grid

iii.ii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet kelmet lill-Kumpanija li mingħandhom kienet inxtrat din il-camera sabiex titlobhom appuntament sabiex jiġu fuq il-post u jaraw x'hemm bżonn isir sabiex din il-camera tiġi mwaħħla fl-area ta' Ġnien Veliko Turnovo. Żiedet li s'sissa kienet għad ma kelliex tweġiba. Camera fi Ġnien Veliko Turnovo

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Island Insurance Brokers f'isem MAPFRE INSURANCE AGENCY LTD min-naħa tiegħu kellu jagħtiha risposta. Insurance

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu reġgħu daħlu 3 każijiet ġodda. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

vi. Rigward iż-żewġ każijiet antiki s-Sindku talab lis-Seg. Eżek. sabiex tibgħat tinforma lill-persuni konċernati li l-Kunsill b'mod unanimu ma laqax it-talba tagħhom.

vii. Rigward it-turf, is-Seg. Eżek. qalet li kienet bgħatet lill-Avukat tal-Kunsill s-SENTENZA ORIĠINALI tal-Qorti. L-Appell kien għadu ma ġiex appuntat. Ser terġa tkellmu biex tara forsi x'jista jsir. Turf tal-ground 5 aside

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan l-aħħar xahar jidher li ma daħlux aktar ilmenti dwar il-ġbir ta' skart domestiku. Skart Domestiku

ix. Is-Sindku staqsa jekk sarx kuntatt mal-kuntrattur taż-Żamma tal-Ġonna, l-ELC, minħabba li jidher li s-servizz li kien jingħata fl-aħħar sentejn mal-Ex Sindku Joseph Abela ma kienx l-istess issa li hemm hu bħala Sindku. Is-Seg. Eżek. wieġbet li kien lill-ġardinar kienet kelmitu quddiemu stess fejn dan kien ikkonferma li ma kienx sar tħawwil għaliex kien għad irid jaħrat. Is-Sindku wieġeb li ma kienx qed jirreferi biss għall-ġonna imma anke għal pots mifruxa madwar ir-raħal. Saħansitra kien qed jingħad xi diskors u jinkitbu kummenti fuq il-paġna ta' FACEBOOK miftuħa minn xi nies wara r-riżenja tal-Ex Sindku Joseph Abela. Is-Seg. Eżek. wieġbet li dalgħodu l-pots kellhom jieħdu ħsiebhom u jiżirgħu xi fjuri. Kuntrattur għaż-Żamma ta' Ġonna - ELC

x. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li xi nies kienu qed jilmentaw li l-knis madwar ir-raħal ma kienx biżżejjed. Is-Sindku qallu li f'dan il-każ it-tweġiba tiegħu u tal-kunsillieri kollha għandha tkun li l-fondi huma li huma u li l-Kunsill ikollu jżomm ma' dan il-budget. Kuntratt tal-KNIS

xi. Rigward il-konferma dwar *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis ikkonferma li kien kellem lill-Perit Audrey Testaferrata De Noto u din min-naħa tagħha kellha tibgħatilna risposta. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

xii. Rigward ix-xogħol fuq il-bandli fi Ġnien Joanne, is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq l-istrutturi tal-bandli u tagħmir ieħor kien kollu lest pero kien għad fadal li jsiru s-sinjali, gradi u xi affarijiet oħra. Wieħed ser jara x'hemm bżonn isir u jimxi pass pass minn hemm. Ġnien Joanne

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ix-xogħlijiet neċessarji sabiex isir *embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, kien għadu jinsab imwaħħal minħabba li l-Perit makienx resaq l'hemm. Ġnien Kurunell Mass

xiv. Is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li kienet intbgħatet l-ittra lill-Dr Byron Camilleri bħala avukat tal-kumpanija tal-Assikurazzjoni UNTOURS minħabba l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra pero dan wieġeb li hu ma kienx għadu l-Avukat talkumpanija msemmija. Inċident monument – Claim Dr Byron Camilleri

xiv.i Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li niktbu lill-Avukat tal-Kunsill taħgna sabiex jaħgmel kuntatt mal-kumpanija UNTOURS hu.

xv. Il-Kunsillier Frans Agius dwar it-talba sabiex isir żbir tas-siġar ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi qal li x'aktarx li l-Kuntrattur tal-Kunsill kien għadu ma ħax ħsieb dan iż-żbir għaliex il-forom baqgħu kwadri imma kien hemm ħafna frigħi ħerġin. Żbir tas-Siġar quddiem it-Tempji Neolitiċi

xvi. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li wara diversi kuntatti u laqgħat saħansitra maċ-Chairman tal-Enemalta kif ukoll mal-Ministru Konrad Mizzi, jidher li issa ż-żewġ lampi fi Triq Anglu Mangion, waħda Triq Madonna tad-Duttrina u waħda Triq 25 ta' Marzu reġgħu ġew imqabbda skond il-proċeduri amministrattivi u tekniċi stabbiliti. Bozoz skonnetjati fi Triq Anglu Mangion u Madonna tad-Duttrina u Triq 25 ta' Marzu

xvi.i Kompla jispjega s-Sindku li għad teżisti problema dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli għaliex l-arloġġ li hemm fis-service box mhux ta' l-Enemalta u s'intendi dan irid jinbidel u jrid isir tal-Enemalta. Għalhekk trid timtela' applikazzjoni Formola AE biex jagħmlulna meter ġdid. Meter Ġnien Ovindoli

xvi.ii Rigward it-talba għal bozza ġdida fi Triq Sardinja ma Triq San Franġisk, is-Sindku qal li bgħatulna kollox lura għaliex ma kienx hemm kollox kif suppost. Żied jgħid li tenna maċ-Ċhairman li fi 13-il sena li hu għamel bħala Sindku fi żmien li kien hemm Gvern Nazzjonalista konna ndumu, inbidel il-Gvern u inbidel is-Sindikat u alla jbierek fi żmien ġimgħa kien jinħareġ il-permess u issa li reġa inbidel is-Sindikat reġa qed indumu. Qallu li dan jidher li hemm xi ħaġa jew xi ħadd li qed jagħmel il-bsaten. Issa baqa miegħu li meta jkollna xi ħaġa hekk nikkomunikaw dirett ma dawn il-persuni. Bozza ġdid Triq San Franġisk ma Triq Ta' Sardinja

xvi.iii Ta' Triq Ġużeppi Cali kompla s-Sindku din alissa kellha tinbidel u tiġi f'vultaġġ ikbar u naraw kif imorru fil-każ issir applikazzjoni sabiex tiżdied bozza oħra. ser issir bozza ikbar fil-kaz issir talba għal oħra. Bozza Triq Ġużeppi Cali

xvi.iv Is-Sindku qal li kellna problema fuq bozza tat-tip central hanging fi Triq B'buġia. Dan għaliex din il-bozza bdiet tiġbed il-ħajt u qabel kien isir rapport lill-Enemalta u tiġi u taqla l-bozza u tagħmel waħda wall type minflokha. Issa din m'għadiex is-sistema u sar il-Kunsill responsabbli. Infatti kellna nqabbdu lill-Kuntrattur tagħna biex jieħu ħsieb ix-xogħol. Bozza Triq B'Bugia

xvii Rigward l-iStaff tal-Kunsill, is-Sindku qal li kien hemm xi żviluppi. Għalkemm li kien minngħalih li kienet settled ladarba kienu reġgħu ġew rifużi l-10 siegħat overtime li kienu tnaqssu mix-xahar ta' Lulju, dan ma kienx minnu.

xvii.i Dan għaliex is-Sra Isabella Formosa l-għada li kienet ingħatat l-ittra biex tirrifondi lura l-flus li kienet tħallset żejda, din kienet ġabet ittra mill-Avukat Edward Gatt fejn dan kiteb li s-Sra Formosa ma kellha tirrifondi xejn għaliex kienu għaddew sentejn minn dan il-każ u għalhekk il-każ kien preskritt. Apparti hekk l-Avukat żied jikteb fl-ittra li l-mittenti kienet qed tinterpellana nersqu għall-assunzjoni u likwidazzjoni ta' kumpens lilha dovut għaż-żmien li fil-Kunsill hija ħadmet weħidha. Għaliex kien infurmat li meta għamel hekk ħaddieħor, ir-rata ta' ħlas li kien irċieva kienet tikkorrispondi ma' xogħlijiet iżjed. Is-Sindku qara l-ittra in kwistjoni. Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata s-Sra Isabella Formosa

xvii.ii Is-Sindku qal li din l-ittra għaddiha lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jmexxi fuqha skond il-bżonn.

xvii.ii.i Is-Sindku qara wkoll l-ittra bi tweġiba li l-Avukat tal-Kunsill bgħat f'dan ir-rigward.

xvii.ii.ii Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Avukat Edward Gatt biex kiteb hekk żgur li xi ħadd mill-Kunsill kien informa lis-Sra Isabella Formosa li madwar 12, 13 –il sena ilu, dak iż-żmien bħala Skrivana, għall-perjodu ta' bejn wieħed u ieħor ħames xhur meta ex impjegata kienet ħarġet bil-maternity leave hija kienet ingħatat paga addizzjonali u dan s'intendi bi qbil unanimu mal-Kunsill u għaliex ma kienx vijabbli għall-Kunsill li jimpjega lil xi ħadd għal perjodu daqstant qasir ta' 5 xhur.

xvii.ii.iii Apparti dan żiedet tgħid is-Segretarju Eżekuttiv, l-Iskrivana Isabella Formosa fl-ebda perjodu ma kienet waħedha. Għaliex anke meta kien hemm riżenja ta' impjegata sal-perjodu li ġiet impjegata persuna oħra, hija stess għalkemm kienet Assistent Prinċipal xorta waħda kienet tkun front office tgħin fix-xogħol tal-Customer Care.

xvii.ii.iiiv Il-Kunsillier Frans Agius rrimarka li allura huwa veru li ġara hekk, jiġifieri li kien hemm żmien meta kien sar ħlas żejjed mill-Kunsill għal perjodu li impjegata kienet waħedha. Is-Sindku wieġbu li iva kien minnu u s-Segretarju Eżekuttiv ukoll ikkonfermat dan pero żiedet tgħid li bid-differenza li kif kienet diġa kkonfermat meta hi tnax, tlettax il-sena ilu kienet tħallset extra kienet veru waħedha filwaqt li din l-impjegata inkwistjoni qatt u qatt ma għamlet perjodu waħedha.

xvii.iii Sadanittant is-Sindku qal li staqsa lill-Avukat tal-Kunsill x'passi setgħa jieħu l-Kunsill biex jiġbor lura dawn il-fondi. L-Avukat tal-Kunsill wieġbu li l-proċedura kienet li l-Kunsill jinforma lill-Ministru u jkun il-Ministru jekk jara li hu l-każ li jinvestiga. is-Sindku qara d-draft li pprepara l-avukat biex tintbgħat lill-Ministru.

xvii.iv Sadanittant is-Sindku kkonferma li hu sar jaf bil-każ meta s-Seg. Eżekuttiv ġibditlu l-attenzjoni u dan wara li l-Accountnt tal-Kunsill reġa fakkarha fil-pendenzi li għandu l-Kunsill issa li qed noqorbu lejn l-egħluq tas-sena finanzjarja. Il-Kunsill kollu kkonferma li huma sara jafu bil-każ meta ftit laqgħat ilu ssemma' dan il-każ waqt il-laqgħa.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fis-18:45pm*

xvii.v Is-Sindku qal li b'żieda ma' dan kollu, l-istess impjegata jidher li mhix taċċetta l-fatti rejali kif inhuma għaliex qed issabbat saqajha għal ħafna affarijiet. Spjega s-Sindku li l-każ kien li s-Segratarja waqt li qed tagħmel xogħol ta' verifika sabet li din l-impjegata ma kienetx irrikonċiljat il-flus u marret tiddepożita l-flus darbtejn fil-ġimgħa. L-aħħar li kien sar id-depożitu kien ġimgħa qabel. Issa l-liġi hija ċara u l-Kunsill irid jiddepożita tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa. Is-Sindku qara Memo 6/2015 fejn id-Dipartiment Gvern Lokali kien iggwida lill-Kunsilli Lokali kollha dwar id-depożiti.

xvii.v.i Is-Sindku qal li meta s-Segretarju Eżekuttiv infurmatu bil-każ huwa qallilha sabiex issa tieħu azzjoni u toħroġilha Warning. Fil-fatt hekk sar. Pero meta din daħlet għax-xogħol u sabgħet il-warning fuq l-iskrivanija għamlet xenata sħiħa kemm maż-żewġ impjegati l-oħra tal-Kunsill kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv. Saħansitra qalet is-Seg. Eżekuttiv garatilha darbtejn lura l-warning u qaltilha *"mur ħudu f'sormok l'hemm"* u dan fost għajjat u diskors ieħor saħansitra quddiem il-pubbliku u ħaddiema oħra. Il-Viċi Sindku qalilha li wara dan id-diskors kien missha ħarġitilha warning oħra.

xvii.v.ii Sadanittant il-Kunsillier Frans Agius qal li kien daħal hu wkoll fl-istorja. Dan għaliex l-impjegata waqt il-furja tal-argument ċemplitlu u qaltlu "isma jiena qatt ġejt nikkonfoffa miegħek?" U hu qal li weġibha li hu qatt ma mar jikkonfoffa ma ħadd u staqsieha fuq xhix ikkonfoffat miegħu. Qal li qaltlu li "hekk qed tiġi akkużata". Żied jispjega li hu kien weġibha li kien minnu li hu kien tkellem magħha u dak li kien tkellem magħha kien mar jgħidu lis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dan qatt ma ħareġ fil-laqgħa li hu kien tkellem mal-impjegati. Saħansitra meta fil-laqgħa preċedenti s-Sindku kien staqsa jekk xi ħadd mill-Kunsillieri kienx tkellem mal-impjegati ħadd mill-Kunsillieri ma kien tkellem. Il-Kunsillier Frans Agius wieġeb li fl-aħħar laqgħa s-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi ħadd li għamel laqgħa mal-impjegati u hu m'għamel ebda laqgħa mal-impjegati. Li ġara kien li hu ġie l-uffiċċju biex jiġbor xi tabelli u kien hawn li kemm Isabella Formosa kif ukoll l-Ex Impjegata Denise Vella li kelmuh. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li wieħed setgħa jiċċara li għalkemm issemmiet laqgħa kien setgħa jispjega li mhux laqgħa imma per kumbinazzjoni ġie l-uffiċċju u l-impjegati kelmuh u hu mar jgħid lis-Sindku.

xvii.v.iii Is-Sindku qal li l-istess impjegata kienet ċemplet lilu wkoll u staqsietu biex tiltaqa' miegħu ħalli tkelmu. IS-Sindku qal li pero qatt ma kienet marret tkelmu. Il-Kunsillier Frans Agius qal li dik kienet tara hi għax hi taf.

xvii.v.iv Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ma kienx kollox għaliex l-għada tal-laqgħa tax-xahar ta' Ottubru, il-Kunsilliera Doris Vella kienet ċemplitilha u fost affarijiet oħra li qaltilha semitilha dan il-każ ta' Isabella Formosa. Is-Seg. Eżek. weġbitha li kif kienet diġa qalet fil-laqgħa ta' Ottubru kien l-Ex Sindku Joseph Abela li meta ċemplilha qalilha li kienet Doris Vella li marret għandu tistaqsih x'kienet il-biċċa tax-xogħol tal-flus imħallsa extra lill-Impjegata Isabella Formosa. Saħansitra dan tikkonfermah ukoll l-helper tal-Kunsill għaliex l-Ex Sindku kien ċempel lilha wkoll biex jistaqsiha kenitx semgħet xi ħaġa dwar dan fil-Kunsill. Jidher li qed isir ħafna diskors u qed jiġu nvoluti saħansitra persuni li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-Kunsill u li hu żgur li dan l-aġir mhux jagħmel ġid lill-Kunsill.

xvii.v.v Is-Sindku rrimarka li żgur li ma kienx ser jittollera li xi ħadd mill-istaff jagħmel xenata quddiem in-nies.

xvii.v.vi Il-Kunsillier Frans Agius qal li b'żieda ma dak li kien qal qabel meta ċemplitlu l-Impjegata Isabella Formosa qaltlu li ma kienx sewwa li l-Kunsill tkellem minn warajha u hi ma kenitx preżenti biex tgħid tagħha. Hu weġibha li l-laqgħat tal-Kunsill huma live streamed u setgħet

faċilment tkun taf x'intqal. Qaltlu wkoll li riedet tiġi biex tgħid tagħha u kien għalhekk li kienet ser tattendi għal-laqgħa. Is-Sindku qal li mela kien għalhekk li ġiet fil-bidu tal-laqgħa.

xvii.v.vii Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-impjegata ilha tal-inqas xahrejn ma tkellimha saħansitra fuq xogħol qed tibgħat lill-impjegati l-oħra biex jkellmha minflokha. Din is-sitwazzjoni mhix aċċettabli u mhix sana.

xv.vi Il-Kunsillier Luke Genuis staqsa jekk kienx hemm ċans għal rikonċiljazzjoni? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan l-istadju u bid-diskors li ntqal u bin-nies li hemm involuti ma tarax lok għal rikonċiljazzjoni.

xv.vii IS-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv li hekk hi tħoss li għandha toħroġilha warning ieħor minħabba l-kliem li qaltilha huwa ma kienx ser isib oġġezzjoni filwaqt li l-ewwel warning xorta jibqa fis-seħħ. Sadanittant pero jekk l-impjegata tħoss li għandha tidher quddiem il-Kunsill kollu m'għandux oġġezzjoni pero jibgħat għaliha l-Kunsill bħala impjegata u mhux taqbad u tiġi hi. F'dak il-każ tissejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill u fil-każ nieħdu ruling mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali x'inhi l-proċedura f'sitwazzjoni bħal din.

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iskips ta' fejn l-Iskola tressqu minn fejn kienu u tpoġġew iktar il-barra f'area li ma ttellef lil ħadd.

xvii. Is-Sindku qal li dwar l-attivitajiet qed ikun hemm ammont ta' flus li mhux qed jidhru fil-kotba tal-Kunsill. Għalhekk qed jissuġġerixxi li mill-bidu tas-sena d-dieħla l-ispejjeż kollha u dħul kollu nvoluti biex jittellgħu attivitajiet jridu jidhru fil-kotba tal-Kunsill.

xviii. Il-Kunsillier Frans Agius qal li peress li dawn l-attivitajiet jinvolvu dħul ta' fondi l-ewwel irridu naħsbu biex issir Bye Law imbagħad il-Kunsill ikun jista jiġbor il-flus għall-attivitajiet.

xviii.i Sadanittant qal is-Sindku kull min jtella' attivita' jrid jkompli jingħata rendikont u jiġi ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill.

xviii.ii Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Sta Lucija dwar il-presidenza tal-Kunsill Skolastiku. Is-Sindku qal li ma jħossx li għandu jkun hu li jieħu deċiżjoni bħal din imma għandu jkun il-Ministru li jiddeċiedi. Il-Kunsillier Frans Agius qal li l-ġurisdizzjoni tal-iskola taqa fil-konfini ta' Ħal Tarxien.

xix. Is-Sindku qal li l-Kunsill Skolastiku talab sabiex issir barrier. Il-Kunsill iddeċieda li din il-barrier issir mill-Kunsill tagħna.

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien tefa l-applikazzjoni għall-attivitajiet tas-sena d-dieħla maħruġa mid-Dipartiment Gvern Lokali. Din l-applikazzjoni ser tikkumplimenta l-proġett tal-ERDF.

xxi. Is-Sindku qal li kellna rikjesta mingħand resident sabiex tinfetaħ Triq San Franġisk ma Triq San Tumas. Ġie deċiż biex tintbgħat rikjesta lit Transport Malta.

*Il-Kunsillier Ishmael Dalli wasal fis-19:20pm*

xxii. IS-Sindku qara email dwar laqgħa li ser issir mal-President ta' Malta nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru bejn is-18:00pm u s-19:00pm. Ħadd mill- preżenti ma setgħa jattendi.

xxiii. Is-Sindku qara email mibgħuta mid-DLG dwar opportunita' li l-Kunsill japplika sabiex persuni b'diżabilita' jidħlu jaħdmu mal-Kunsilli. Il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li japplika għal dan is-servizz.

xxiv. t-Transport Malta bagħtet lill-Kunsill li resident kienet applikat għal RESERVED Parking fi TRIQ STA MARIJA, u oħra fi Triq Ta' SARDINJA. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni.

xxv. IT-Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li bdew r-ROTOT ġodda.

xxvi. Rigward il-korsijiet ta' TCTC il-Kunsill qabel li nippartecipaw.

## 3. TIŻJIN TAL-MILIED

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta bdejna naqilgħu l-affarijiet tal-Milied tal-Kunsill ma nstabitx l-Christmas Tree tal-FIBRE OPTIC. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb u jistaqsi lill-Ex Sindku dwarha.

ii. It-Tiżjin tal-Ġonna Ovindoli u Kunsill Lokali 2000 isiru bl-ornamenti li għandu l-Kunsill u jsir mill-Kuntrattur NEXOS.

iii. Rigward il-bozzoz u l-fustuni li kienu jintramaw minn quddiem il-Kunsill sal-Pjazza tal-Kunsill jekk u meta jinstabu ngħidu lill-Kuntrattur sabiex jarmahhom ukoll.

iv. Ġie deċiż li nhar il-21 ta' Diċembru 2015 tiġi organizzata l-ikla f'nofsinhar tal-Kunsill u l-istaff.

## 4. Skeda ta' Pagamenti

i. L-Iskeda Nru 32/07 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Direttur tal-Kumpanija DIMBROS kienet ċemplitlu u staqsitu għaliex mhux jikri skips. Kien weġibha li hu mhux ser jikri skips jekk ma jkunx il-bżonn pero assiguraha li mhu jikri skips minn imkien.

## 5. Rapport tal-Kunsilliera

### *i Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

i.i Il-Grupp li jattendu l-Aerobics ilmentaw li issa li bdiet il-kesha jixtiequ li jibdew jiltaqgħu x'imkien ġewwa. Sadanittant il-lezzjonijiet twaqqfu sakemm jinstab post alternattiv. Ġie ssuġġerit Rainbows u anke Dar Nazareth. Aerobics

### *ii. Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius ser jippreżenta t-timetable tal-korsijiet kollha li qed isiru ġewwa ċ-Ċentru Komunitarju fil-laqgħat li jmiss. Timetable tal-korsijiet

### *iii. Rapport mill-Kunsillier Luke Genuis*

iii.i Il-Kunsillier Luke Genuis qal li kien bgħat lill-Kunsill taż-żgħażagħ sabiex jistawx jorganizzaw xi attivita' s-sena d-dieħla.

### *iv. Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

v.i Il-Kunsillier Ishmael Dalli qal li fid- 29 ta' Novembru 2015 bejn it-8:30am u l-11:00am wer tittella' l-attivita' fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali u dan bħala parteċipazzjoni għall-ġimgħa Ewropea għar-riduzzjoni ta' l-Iskart. Attivita' ġimgħa Ewropea għar-riduzzjoni ta' l-Iskart

6. **Ħwejjeġ Oħra**

i. Kienx hemm iktar x'jiġi rrapurtat.

7. **Għeluq tal-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fi 20:37pm

Laqgħa oħra ser tinżamm il-GIMGĦA 18 TA' DIĊEMBRU 2015 fis-18:00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**